MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Numru 677/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**

**V**

**JOHAN ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHAN ZAMMIT** ta' disgha w ghoxrin sena bin Mario u Miriam nee Gerada, imwieled Zejtun nar s-sebgha ta' Gunju 1975 u residenti 'Fred', Flat 4, Triq Wied Glavan, Xghajra, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 313475M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'Marsaskala, fil-perjodu taz-zmien ta' bejn s-sittax ta' Gunju 2005 u fis-snin ta' qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew

maghmula b'risoluzzjoni wahda, f'diversi okkazzjonijiet, ikkommetta diversi serqiet ta' diversi oggetti u cioe somom ta' flus, gojjelli, arma tan-nar u affarijiet ohra li globalment jammontaw ghal madwar sitt elef lira mill-fond numru 21/22, Triq La Sengle, Marsaskala, ikkawlifikat bil-mezz, bil-hin, bil-persuna kif wkoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin ghad-dannu ta' Grace Zammit minn Marsaskala u/jew persuni ohra;

2. Talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, f'diversi okkazzjonijiet ikkommetta diversi serqiet ta' oggetti u cioe deheb, flus u oggetti ohra li globalment jammontaw ghal madwar sitt elef lira maltin mill-fond 'Ave Marija', sitwat fi Triq Frans Grech, Marsaskala, ikkwalifikat bil-mezz, kif wkoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin ghad-dannu ta' Joseph Zammit minn Marsaskala u/ jew persuni ohra;

3. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, zamm kif wkoll garr arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Talli nhar l-erbgha ta' Lulju 2005, u matul is-snin ta' qabel din d-data, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex jbieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqa gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin;

5. Talli fis-sittax ta' Gunju 2005 ghal habta tat-tlieta ta' filghodu bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe serq kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, kif wkoll bil-valur, li jiskorri l-elf lira maltin, ghad-dannu ta' Grace Zammit minn Marsaskala, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan d-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

6. Talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u mill-Qorti tal-

Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat l-ewwel ta’ Awissu 2005 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tmienja ta’ Awissu 2005 [fol 13].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u dik tad-difiza.

Semghet lil partjiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghoxrin ta’ Marzu 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar it-tmienja ta’ Awissu 2005 **xehdet Grace Zammit** [fol 14] fejn qalet li hi tigi z-zija tal-imputat li jigi t-tifel ta’ huha. Spjegat kif f’Gunju 2005, kienet marret s-CID fejn tkellmet mal-Ispettur Portelli. Spjegat li hi ghamlet zmien tghix ma ohtha Anna, ghalkemm ghandha d-dar taghha f’M’Scala fejn anke kienet tmur ticcekkja jekk kienx kollox sew d-dar taghha. Qalet li kien hemm zmien fejn fid-dar taghha kienu jghixu zewgt ixjuh, pero llum l-gurnata d-dar tinsab vojta. Kompliet tghid li darba minnhom innutat li kellha centru tal-familja li kien tal-hgieg u sabitu nieqes u wara xi zmien nnutat li kien hemm xi oggetti ohra li sabet nieqsa. Elaborat u qalet li kull darba li kienet tmur ticcekkja, kienet tinnota li jkun hemm oggetti neqsin. Ikkonfermat li snin qabel kienu serqula l-pistola ta’ missierha u hasbet li kienet tilfitha u baqghet tfittixha u

baqghet ma sabithiex.  Ziedet tghid li anke rapport lil pulizija kienet ghamlet, peress li kienet waslet ghal konkluzzjoni li kienet insterqitilha.

Wara certu zmien, u appuntu nhar t-tlettax ta’ Mejju 2005, fuq parir tal-ispettur, kienet ghamlet erbgha *closed circuit cameras* fid-dar u fit-tmintax ta’ Gunju 2005 qabdet lil imputat fuq l-erbgha *cameras*.  L-imputat deher jidhol f’darha fit-tlieta neqsin kwart ta’ filghodu bla permess taghha u ghalhekk ikkonfermat li kien hu li kien qed jidhol ghandha u johdilha l-oggetti li kienet issib nieqsa.

Qalet li l-imputat hadilha sett borom tal-IMCO li jiswew tmien mitt lira maltin, muniti tal-fidda u ta-deheb, skieken, flus u oggetti ohra liema oggetti hi ndikat f’lista li ghaddiet lil ispettur. Qalet li z-zewg anzjani li kienu jghixu fid-dar taghha kien ikollhom disgwid bejniethom u darba minnhom sabet wahda rrabbjata u allegat maghha li l-anzjana l-ohra kienet qed tisraqha.  Ix-xhud kompliet tghid li Teresa kienet wkoll sabet flusha neqsin u xi deheb. Qalet li fil-fehma taghha l-imputat kien jidhol go darha minn wara, mill-bitha, peress li min kien jidhol deher li l-post kien jafu sew.  Qalet li hi qatt ma kellmet lil imputat fuq dan biex izzomm l-kwiet peress li ommu tbati minn depressjoni.

Ix-xhud kompliet tghid li c-centru li semmiet kellu l-hgieg ahmar u abjad u kellu bazi ta’ skutella *fluted* u minn nofs kien johrog tlett frieghi tal-hgieg u fin-nofs jigi wkoll bhal speci ta’ recipjent.  Meta x-xhud giet murija r-recipjent, esibit l-Qorti bhala dokument AP, qalet li kien l-istess centru li kien insterqilha mid-dar taghha.  Qalet li l-arma sabitha nieqsa bejn tmien u ghaxar snin ilu, kienet pistola zghira go pocket.  Ziedet tghid li ma kienetx taf jekk kien hemm xi munizzjon mal-pistola.  Qalet li kienet ghamlet rapport l-ghassa Haz Zabbar dwar dan.  Qalet li s-serq li hi sofriet sar tul medda ta’ zmien.   Qalet li l-borom li nsterqu hi kienet izzommhom go kaxxa taht t-tarag.

Illi nhar it-tmienja ta’ Awissu 2005 **xehed Joseph Zammit** [fol 17] fejn qal li l-imputat jigi t-tifel ta’ huh w ghalhekk hu jigi zijuh.  Qal li l-kaz sehh bejn tnax u erbatax il-sena

qabel. Qal li l-ahhar serqa li hu sofra kienet xi erbgha snin qabel. Qal li jiftakar li l-kunjata tieghu kienet giet minn barra u gabet xi affarijiet taghha, fosthom flejjes, u halliethom ghandu. Qal li meta giet biex titlaq, gimgha wara, kellmet lil bintha li tigi martu, u qaltilha li kienet sabet mitejn lira neqsin. Qal li martu gieli sabet flus neqsin mid-dar qabel dan l-incident. Qal li deheb id-dar ma kellhomx ghaliex kienu haduhomlu kollha, fost oggetti ohra li kienu gew mghoddija lil martu min nanniet.

Kompla jghid li darba minnhom bintu kienet marret ghandu ghal Milied u riedet tilbes curkett ghaliex kellha xi okkazzjoni u meta hu kien qed ifittex c-curkett, sab xi oggetti ohra neqsin. Kompla jghid li sa dan t-tant, kienet marret t-tifla l-ohra tieghu u xtaqet tiehu xi rigal tat-tieg li kienu ghandhom u ma sabuhx wkoll. Qal li sabu biss kaxxa vojta. Qal li huma joqghodu ma gemb xulxin, jigifieri hu, missier l-imputat u huhom iehor bejniethom. Qal li l-bini taghhom hu gholi u hadd ma jista jidhol jekk mhux wiehed minnhom. Qal li huma kienu jhallu l-bieb tal-bejt miftuh u darba minnhom kienu fuq il-bejt jaghmlu *barbecue*, meta l-imputat mar biex jidhol ghand ommu w akkuzawh li kien seraqhom u dakinhar l-imputat kien ammetta u talab mahfra lilu kif wkoll lil mara tieghu. Zied jghid li dakinhar l-imputat kien qal lil mara tieghu li kien jiddispjacih ghas-salib tal-kavallieri li kien hadilha, li kien ta' nannitha, u talabha mahfra.

Ix-xhud kompla jghid li xi tlett gimghat wara li l-imputat kien talab mahfra lil mara tieghu, darba minnhom, fis-sajf, hi kienet tiela t-tarag ta' fuq meta rifset misluta. Qal li hemm indunaw li kienu ntmessew wkoll l-imsielet. Ix-xhud kompla jghid li wara, hu installa *alarm* u minn dak iz-zmien 'l quddiem ma sofrew ebda serq iehor. Qal li b'kollox sofrew serq ta' cirka tmint elef lira fi flus u deheb. Qal li s-serq kien beda xi tnax jew tlettax il-sena qabel u spicca xi hames snin ilu. Qal li meta l-imputat kien ammetta mieghu u mal-mara tieghu li kien seraq, dan kien xi sitt snin ilu.

Illi nhar it-tnax ta' Ottubru 2005 **xehed Vincent Camilleri** [fol 22] fejn qal li hu kien gie nominat sabiex jaghti stima

tar-recipjent esibit fl-atti. Qal li dan hu tal-hgieg ahmar u abjad maghmul fis-seklu dsatax u huwa maghruf generikament bhala *victorian apparel* bil-hgieg ahmar u abjad gholi tmintax il-pulzier. Qal li fil-fehma tieghu dan ir-recipjent jiswa bejn tlett mija u hamsin lira u erbgha u hamsin lira maltin. Ix-xhud esibixxa l-valutazzjoni tieghu, li giet mmarkata bhala dokument S [fol 24].

Illi nhar il-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005 **xehdet WPC 15 Caroline Gatt** [fol 27] fejn qalet li mir-ricerka li hi ghamlet sabiex tara jekk l-imputat Johan Zammit detentur tal-karta tal-identita numru 313475M kellux permess mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm jew igorr arma tan-nar, irrizulta li l-imputat m'ghandux tali licenzja. Ix-xhud esibit d-dokument SS li juri dan [fol 29].

Illi nhar il-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005 **xehed l-Ispettur Anthony Portelli** [fol 30] fejn qal li fit-tmienja ta' Mejju 2005, kienet kellmitu l-ufficju tieghu Grace Zammit detentrici tal-karta tal-identita numru 251148M u qaltlu li minhabba ragunijiet ta' sahha hi kienet marret toqghod ma ohtha Anna Zammit fil-fond 'Tulipan', Triq F. Grech, Marsaskala. Ix-xhud kompla jghid li din qaltlu li xi granet qabel kienet marret fid-dar taghha w indunat li kellha xi oggetti neqsin fosthom centru. Qaltlu wkoll li kienet qed tissuspetta fin-neputi taghha l-imputat ghaliex kellu problema tad-droga. Qaltlu wkoll li kienet konvinta li l-imputat, li fil-passat kien ikun d-dar tagthha, kien serqilha pistola tal-ghamla Cekoslovakka bin-nunru tas-serie 220802 li kienet ta' missierha, fost oggetti ohra tad-deheb u flus. Qaltlu li dawn kienu naqsu tul medda ta' zmien u qatt ma sabet sgass d-dar taghha. Ziedet tghidlu li serq simili kien sar lil huha Joseph Zammit li joqghod 'Ave Maria', Triq F. Grech, Marsaskala u l-imputat kien jidhollu mill-bieb tal-bejt u jisraq.

Ix-xhud kompla jghid li Grace Zammit qaltlu li huha Joseph Zammit joqghod bieb ma bieb ma missier l-imputat u ghalhekk kien facli ghalih li jidhol ghand huha u jisirqu. Qaltlu wkoll li huha Joseph Zammit kien hafer lil imputat u dak z-zmien ma kienux ghamlu rapport kontrih

minhabba ragunijiet familjari.  Qaltlu wkoll li hi ma kellhiex provi f'idejha dwar dan.

Kompla jghid li hu kien issuggerixxa lil Grace Zammit biex taghmel sistema ta' CCTV *cameras* sabiex tkun zgura minn dak li kien qed jidhol ghandha.  Qal li kien issuggerilha wkoll biex tmur taghmel rapport dwar l-ghejbien tal-pistola u fil-fatt hi kienet marret l-ghassa ta' Haz Zabbar taghmel rapport.  Qal li nhar s-sittax ta' Gunju 2005, Grace Zammit kienet cemplitlu u qaltlu li l-imputat kien dahal go darha u cioe fil-fond 21/22, Triq La Sengle, Marsaskala ghal habta tat-tlieta ta' filghodu u aktar tard kienet ghaddietlu *video recording* tal-filmat mehud mis-CCTV *cameras*.  Ix-xhud esibixxa dan il-*video recording* li gie mmarkat bhala dokument AP 1.

Qal li f'dan il-filmat jidher l-imputat odjern.  Qal li wara l-imputat kien rintraccjat u mehud l-ufficju tieghu ghal interrogazzjoni.  Qal li dan kien ghazel li jikkopera mal-pulizija u wara li gie moghti s-solita twissija, l-imputat kien ammetta mieghu li kien ha xi flus minghand zijuh u minghand zitu u anke li kien seraq pistola u kien bieghha lil xi persuna ta' nazzjonalita Gharbija bl-isem ta' Halil w ghalhekk ma setghux jergghu jirkupraw din il-pistola.

Qal li l-imputat kien irrilaxxja stqarrija nhar l-erbgha ta' Lulju 2005 fil-presenza ta' PS 162 Joseph Howard li esibixxa bhala dokument AP 2 [fol 34].  Ix-xhud gharaf fuqha kemm il-firma tieghu, dik ta' ta' PS 162 Joseph Howard kif wkoll tal-imputat.  Esibixxa wkoll sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Jannar 2001,  [fol 43], sentenza ohra moghtija mill-Magistrat Dottor Silvio Meli nhar d-dsatax ta' Novembru 1998  [fol 39] u sentenza ohra wkoll moghtija fil-konfront tal-imputat odjern mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar l-erbgha ta' Mejju 1998 [fol 36].  Ix-xhud esibixxa wkoll hames ritratti tac-centru li gew mmarkati bhala dokument AP 4.

Illi nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 51] fejn ikkonferma l-identita tal-imputat fis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar

d-dsatax ta’ Novembru 1998 u dik moghtija nhar t-tmienja ta’ Mejju 1998 fejn hu kien l-Ufficjal Prosekutur f’dawk is-sentenzi.

Illi nhar l-erbatax ta’ Novembru 2005 **xehed PS 123 Joseph Howard** [fol 53] fejn wara li gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, markata bhala dokument AP 2 [fol 34], ikkonferma li din giet rilaxxjata wara li l-imputat inghata s-solita twissija u fuqha gharaf kemm il-firma tieghu, dik tal-imputat kif wkoll tal-Ispettur Anthony Portelli. Qal li waqt li kienet ghaddejja l-investigazzjoni, l-imputat kien akkumanjah f’post minn fejn gie elevat centru ahmar tal-hgieg. Meta gie muri r-ritratti esibiti bhala dokument AP 4, ix-xhud ikkonferma li dawk huma r-ritratti tac-centru li kien gie elevat minnu fil-presenza tal-imputat.

Illi nhar s-sittax ta’ Jannar 2006 **xehdet WPC 15 Caroline Gatt** [fol 58] fejn qalet li l-licenzja li kellu Saviour Zammit fuq z-zewg armi, *shotgun* serial number 1990120 u pistola 220802 kienet tigi mhallsa minn bintu Grace Zammit. Qalet li fil-fatt kellhom file wkoll l-*weapons office* fejn gabru s-*shotgun for safe keeping* sakemm jitlesta t-*transfer*. Ix-xhud esibit dokument mahrug minnha ghal dan l-ghan li gie mmarkat bhala dokument WPC [fol 60].

Illi nhar s-sittax ta’ Jannar 2006 **regghet xehdet Grace Zammit** [fol 61] fejn wara li rat l-*video recording* esibit fl-atti li jgib id-data tas-sittax ta’ Gunju, ikkonfermat li r-residenza murija f’dan l-filmat hija r-residenza taghha. Qalet li hi toqghod Marsaskala pero dak iz-zmien kienet qed toqghod band’ohra temporanjament. Qalet li din r-residenza taghha kienet ghandha b’titolu ta’ uzufrutt u kellha dritt toqghod hemmhekk sakemm ma tizzewwigx. Qalet li din d-dar tappartjeni wkoll lil hutha. Qalet li hutha ma jghixux maghha u pussess liberu tad-dar ma kellhomx. Qalet li s-CCTV *camera* fid-dar taghha dahhlitha fit-tlettax ta’ Mejju 2005 u kienuipputjaw din d-data dakinhar li dahlu din s-sistema.

Illi nhar l-ewwel ta’ Frar 2006 **xehed Christopher Bianco** [fol 64] fejn qal li hu jahdem ma Alberta Security. Qal li kienu installaw CCTV *camera* fir-residenza ta’ Grace

Zammit fix-xahar ta’ Mejju 2005. Qal li d-dar kienet abbandunata u l-apparat kien jikkonsisti f’erbgha *cameras* u erbgha *flash lights* u dan sabiex meta persuna tghaddi quddiem il-*flash light*, tixghel dawl u l-*camera* tkun tista tarah u tigbed ritratt. Qal li l-*image* tal-persuna li tkun dahlet tigi *recorded* fuq r-*recorder*. Qal li wara li ssir l-istallazzjoni, huma jaghtu *hand over* lil klijent u juruh kif tahdem s-sistema. Qal li jkun hemm *option* fis-sistema li jistghu jaghmlu access ghaliha huma t-*technicians* biss u dan a bazi ta’ setting tal-hin, tar-*recording* u *setting* ohra.

Qal li huma ma jaghtu l-*password* lil hadd ghaliex jekk xi klijent jaghmel access ghal dawn is-*settings*, l-affarijiet ma jkunux sew u ovvjament s-sistema tirrifletti fuqhom. Qal li huma ma taw ebda *password* lil Grace Zammit jew lil xi hadd wara l-istallazzjoni in kwistjoni. Qal li hu ta data lil dan l-apparat wara li lesta l-istallazzjoni. Qal li din hija awtomatika fis-sens li ddur minn gurnata ghal ohra u f’kaz li jmur d-dawl, dan l-apparat ghandu kaxxa fih bhal *computer* li jista jitlef l-memorja tieghu biss f’kaz li jigi mitfi ghal numru ta’ granet. Qal li s-sistema tahdem wahedha wkoll meta tinqaleb s-sena. Jista jkun hemm xi diskrepanzi ta’ siegha fis-sens meta jinbidel l-hin tas-sajf ghal tax-xitwa. Qal li meta ghamlu l-istallazzjoni, tawh hin mal-arloggi ta’ dik il-gurnata u minn dak l-hin ‘l quddiem, mexa skond dik s-sistema. Qal li jkun hu li jaghmel l-*commissionings* ta’ din s-sistema.

Illi nhar l-ewwel ta’ Frar 2006 **xehed PS 1210 James Gauci** fol 66] u ikkonferma l-okkorrenza markata bhala dokument S li hu rapport mehud minnu nhar l-ghaxra ta’ Mejju 2005 ghal habta tas-sitta ta’ filghaxija maghmul minn Grace Zammit.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Marzu 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 69]. Qal li hu llum ghandu tletin sena u li kellu problema dwar abbuza ta’ droga minn meta kellu sittax jew sbatax il-sena, sakemm ghalaq sebgha w ghoxrin sena fis-sena 1993. Ikkonferma wkoll li mis-sena 1992 sal-1995 kien jisraq lil zitu u lil zijuh. Qal li ma jiftakarx li kien seraqhom l-ammont imsemmi minnhom fix-xhieda taghhom u cioe dak ta’ sitt elef lira. Qal li l-

borom li semmiet zitu hu ma hadhomx izda kien ha xi pistola, flus, u centru tal-kristall. Qal li zijuh gieli qal lil missieru li kien qed isib xi flejjes neqsin pero qatt ma semma eluf kif semmew x-xhieda l-Qorti. Qal li kien jisraq biex isostni l-vizzju li kellu tad-droga Eroina u droga ohra. Qal li llum il-gurnata jinsab *clean* u ilu hekk. Infatti kien gamel zmien l-habs u kien dahal fi programm, pero l-programm qatt ma lestieh kollu. Qal li meta spicca minn dan il-programm ma kienx rega' mar lura ghaliex ma kellux aktar il-problema ta' droga. Mistoqsi x'ghamel bil-pistola li seraq, ix-xhud qal li bieghha lil wiehed ta' nazzjonalita Gharbija. Qal li meta seraq il-pistola, ma kienetx kompluta, kellha xi affarijiet neqsin u kien hemm dan r-ragel ta' nazzjonalita Gharbija li joqghod San Giljan u kien tah mitt lira taghha. X'sar minnha x-xhud ma kienx jaf.

Qal li fis-sena 2005, ommu kienet keccietu mid-dar u spicca wahdu u ma kellux flus u dahal ghand zitu ghax hemmhekk kien abbandunat. L-ewwel darba li dahal hemm kien seraq ic-centru l-ahmar esibit l-Qorti. Fit-tieni okkazzjoni kien dahal u ma ha xejn. Qal li llum il-gurnata hu jghix mat-tfajla tieghu. Qal li kien qed jahdem ma Bolton Repairs l-Freeport u wara sena li jghaddi l-kuntratt ikun *full time* maghhom. Qal li llum il-gurnata qieghed sew u 'l boghod minn kull deni. Jekk ma jkollux flus hu, jkollha t-tfajla tieghu. Qal li hu jhoss li ha lezzjoni u mhux ser jerga jaqa. Qal li l-ispettur kien qallu li dan kien kaz familjari u li kien ghadda z-zmien. Qal li kien hass li l-familjari tieghu kienu ser jahfrulu u ammetta dak li kien ghamel mal-pulizija. Wara li dahal l-habs il-familjari tieghu ma baqghux jkellmuh u zitu ma baqghetx tkellmu peress li kien baqa bil-problema tad-droga.

Illi nhar s-sittax ta' Jannar 2006, huwa ra l-*video casette* esibit fl-atti u wara li ra l-evidenza tal-istess ikkonferma li fis-sighat bikrin tas-sittax ta' Gunju 2005, deher diehel fir-residenza ta' Grace Zammit.

Ikkunsidrat:

Illi d-difza sostniet li l-akkuza ta’ serq fil-konfront ta’ Joseph Zammit kienet preskritta u dan ghaliex is-serq in kwistjoni kien sehh xi tnax jew tlettax il-sena ilu, u kien spicca hames snin ilu skond x-xhieda tal-istess xhud Joseph Zammit u skond ix-xhieda tal-imputat dan is-serq sar bejn is-sena 1992 w is-sena 1995 w ghalhekk aktar minn ghaxar snin ilu.

Illi r-reat ta’ serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur, igib piena ta’ sebgha snin skond l-artikolu 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u skond l-artikolu 688(c) jigi preskritt bl-gheluq tal-ghaxar snin.

Illi ghalhekk peress li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx meta effettivament sehh dan is-serq fil-konfront ta’ Joseph Zammit, il-Qorti qed tilqa din l-eccezzjoni mressqa mid-difiza u tiddikjara procediment ezawrit fir-rigward din t-tieni akkuza.

Dwar t-tielet akkuza, u cioe dik li garr arma tan-nar minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, din hija naxxenti mill-artikolu 31A tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta li f’kaz ta’ htija ggib piena massima ta’ sentejn prigunerija.

Issa, skond l-artikolu 688(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din l-azzjoni tigi preskritta bl-gheluq tal-hames snin.  Illi d-difiza wkoll qajjmet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni fil-konfront ta’ din l-akkuza.

Skond ix-xhieda ta’ Grace Zammit, l-arma sabitha nieqsa mid-dar bejn tmien u ghaxar snin ilu.

Il-Qorti hija rinfaccjata b’ammissjoni tal-imputat dwar t-tehid taghha pero stante li dan t-tehid sar aktar minn hames snin ilu, din l-akkuza hija wkoll preskritta u l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din t-tielet akkuza wkoll.

Illi dwar l-ewwel akkuza, u cioe dik ta’ serq maghmul ghad-dannu ta’ Grace Zammit, din tirrizulta anke mix-xhieda tal-imputat stess.  Illi pero l-aggravju tal-valur u cioe li l-imputat seraq oggetti ta’ valur ta’ aktar minn elef

lira ma gietx ppruvata w ghalhekk il-Qorti qed issib lil imputat hati ta’ reat ta’ serq kif aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin.

Il-Qorti nnutat li l-Prosekuzzjoni akkuzat lil imputat bir-reat ta’ ricettazzjoni bhala akkuza alternattiva ghal dik ta’ serq u stante li l-Qorti sabet lil imputat hati ta’serq aggravat, mhux ser tiehu konjizzjoni ta’ din l-akkuza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Dwar l-akkuza ta’ recidiva, din tirrizulta ppruvata u dan mix-xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi moghtija nhar l-erbatax ta’ Novembru 2005 meta kkonferma s-sentenza moghtija nhar d-dsatax ta’ Novembru 1998 mill-Qorti tal-Magistrati [fol 39] fil-konfront tal-imputat meta kien gie misjub hati ta’ serq aggravat w ikkundannat multa ta’ hames mitt lira maltin.

Illi d-difiza sostniet fid-difiza taghha, li l-imputat ghamel li ghamel ghaliex kien ghaddej minn problemi kbar t’abbuza ta’ droga u kellu bzonn xi flus sabiex jissostanzja l-vizzju li kellu.  Stqarr wkoll li llum il-gurnata jinsab f’relazzjoni stabbli u m’ghadx ghandu l-vizzju mishut tad-droga.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mad-difiza meta tghid li ghandha tkun klementi fil-konfront tal-imputat dwar piena ghaliex l-imputat kien ghaddej minn problemi t’abbuza ta’ droga meta ikkommetta s-serq in kwistjoni u dan ghaliex zgur li ma jistax jigi accettat li l-abbuz tad-droga **huwa xi skuzanti ghas-serq**.

Fil-fatt, din il-Qorti zzid tghid li l-abbuz ta’ droga lanqas m’ghandu jigi kunsidrat bhala attwanti.  **Din il-Qorti tghid li r-reat ta’ serq huwa reat serju u minhabba l-frekwenza tieghu, irid jigi trattat bid-debitata severezza**.

Il-Qorti ghamlet ezami akkurat tal-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti a fol 5, markata bhala dokument CSH 1, minn fejn jirrizulta li minn Marzu 1995 sa Jannar 2001, l-imputat kien diga nstab hati ta’ reati f’sitt okkazzjonijiet fosthom akkuzi ta’ diversi serqiet aggravati, pussess ta’

droga, harba minn post ta’ kustodja, hsara voluntarja, ricettazzjoni u falsifikazzjoni ta’ dokumenti pubblici.

Illi huwa nghata diversi cansijiet mill-Qorti sabiex jirriforma ruhu tant li gie moghti *unconditional discharge*, multi u pieni karcerarji ghal zmien qasir. Dan nonostante pero l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu u ma tghallimx mill-passat tieghu u rega’ jinsab quddiem il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li bniedem jista jibqa jikser il-ligi u ma jbatix l-konsegwenzi penali ghal agir illegali tieghu.

Din il-Qorti hija limitata f’x’tip ta’piena tista taghti u dan ghaliex piena ta’ prigunerija sospiza ma tistax taghtih ghaliex l-imputat qed jinsab hati li hu recidiv.

Din il-Qorti lanqas ma tista timponi piena ta’ multa ghaliex ma hemmx cirkostanzi specjali u straordinarji kif imsemmi fl-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiggustifikaw tali piena.

**In oltre, hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-piena ta’ kundanna ta’ multa hi l-ahhar piena li ghandha tinghata lil persuna li tkun abitwata fir-reat ta’ serq u kif indubbjament huwa l-imputat, ghaliex tali piena, minfloki li trazzan il-vizzju tas-serq, tista tkun kontra producenti billi addirittura tista tistiga lil hati li jirrikorri ghal serq iehor biex isib l-mezzi kif jhallas tali piena perkunjarja.**

Illi skond l-artikolu 278(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-kaz ta’ persuna li tkun hatja ta’ serq kkwalifikat bil-mezz, li jkun akkumpanjat wkoll bi tnejn jew izjed mill-kwalifiki l-ohra, kif inhu f’dan il-kaz, cioe tal-lok, tal-hin u tal-persuna, il-piena tkun dik minn hames xhur sa tlett snin tizdied bi grad u ma tinghatax fil-minimu taghha.

Dan ifisser li l-piena ghar-reat ta’ serq li qed issib lil imputat hati, ghandu piena ta’ bejn sebgha xhur sa erbgha snin u l-piena ma tinghatax fil-minimu taghha, li jfisser li

ghal inqas, irid ikun fih terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu li f'dan il-kaz, jigi tlettax il-xahar w ghaxart ijiem bhala minimu u erbgha snin bhala massimu.

In oltre, skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena tista tigi mizjuda bi grad jew tnejn.

Il-Qorti **ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261, 263, 269, 278(3), 261(b)(c)(d)(e)(f), 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat JOHAN ZAMMIT hati tal-akkuza ta' serq agravat bil-valur, bil-hin, bil-mezz, bil-lok u bil-persuna ghad-dannu ta' Grace Zammit u talli hu recidiv u tikkundannah piena karcerarja ta' hmistax [15] il-xahar.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuzi l-ohra u tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-istess.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------